MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 93

26 ta' Marzu 2018

Minuti tas-seduta Nru. 93 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu 2018 fis-6.45 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 91 tas-6 ta' Marzu 2018, ġew approvati u ffirmati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Infurzar ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ

**(B/5/Vol IV)**

2.1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-minuta 2.5.1. tas-seduta Nru. 91 u qal li minn kuntatti li huwa kellu ma' membri mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, jidher li l-istess għaqda hija kontra d-dħul tal-vetturi fil-postijiet fejn hemm is-siġar.

2.1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ssir spezzjoni il-post u rapport.

2.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.5.2. u assenja dan l-inkarigu lill-Kunsillieri J. Azzopardi u J. Gauci.

## 2.2.1. Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta Nru. 91 u għarraf li fil-21 ta' Marzu 2018 saret laqgħa dwar is-suġġett li attendew għaliha l-Arċipriet J. Caruana, il-Perit J. Attard, is-Sur S.

Fenech, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa ngħata rendikont tat-tħejjijiet li saru s'issa dwar il-proġett imsemmi. Ġiet ukoll diskussa l-ħtieġa li jinfetaħ Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II għal numru limitat ta' vetturi, kull darba jkun hemm tiġijiet fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Jidher li minn naħa tal-Parroċċa ser tkun problema biex jikkontrollaw il-*bollards*. Minn naħa tal-Pulizija dan mhux possibbli lanqas, peress li l-preżenza tagħhom fl-għassa ma tkunx kontinwa, u għalhekk ser ikun hemm ħtieġa li jinsabu rimedji alternattivi biex jinżamm kontroll.

2.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li ssir talba lill-Uffiċċju Parrokkjali sabiex jgħaddi lista tat-tiġijiet skedati għall-perjodu Mejju/Ġunju 2018 sabiex ikun jista' jitqabbad Gwardjan Lokoli bil-għan li jikkontrolla d-dħul tal-vetturi fil-misraħ.

## 2.3.1. Twessiegħ ta' Triq ir-Ramla tal-Bir (T/4/4/Vol II)

2.3.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-minuta 5.2.1. tas-Seduta 91 u għarraf li fl-laqgħa li saret fuq il-post fis-7 ta' Marzu 2018 fil-preżenza ta' perit ta' Transport Malta u persuni li għandhom raba ma' wieħed mill-ġnub tat-triq imsemmija. Ġie spjegat illi partikularment il-parti t'isfel ta' triq hija dejqa ħafna u m'għadx fadal spazju biżżejjed biex jgħaddu aktar servizzi. Għaldaqstant ser ikun meħtieġ li dawn jgħaddu mir-raba' u kollox jiġi restitwit għall-istat oriġinali tiegħu.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1. Sejħa għall-Offerti 3/2018 – Kiri ta' vettura *pick-up* (V/3)

2.4.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fit-23 ta' Marzu 2018. Ir-rispons għaliha kien skont kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Burmarrad Commercials Ltd. | €27,000.00 |
| Ranger Ltd | €38,322.30 |
| Aquarius Rent A Car | €23,220.00 |
| Jason's Cab Service and Car Rental Leasing Ltd. | €19,692.00 |

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li ħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni kompost kif jidher hawn taħt:

Is-Sur John Buttigieg – Chairman
L-Avukat Alfred Abela – Membru
L-Accountant Daniel Galea -Membru
L-Inġinier Mario Galea – Membru
Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv
Il-Kunsillier E. Bartolo - Osservatur

## 3.1. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 23/03/18;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/02/18 – 05/03/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 04/03/18 – 23/03/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku

### 4.1.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)

4.1.2. Inqara imejl datat 16 ta' Marzu 2017, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *Easter Egg Hunt* miftuħa għall-pubbliku, u li ser tittella' fil-Grawnd ta' Pennellu nhar is-Sibt 31 ta' Marzu 2018.

4.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' din l-attività, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €200.

### 4.2.1. Penalty *shootout* (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 8 ta' Marzu 2018, mibgħuta mill-Mellieħa *Sports Club Football Nursery,* fejn talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-attivita` imsemmija li ser isseħħ fit-8 ta' April 2018.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300.

### 4.3.1. *Earth Day Clean-Ups* (T/4/6/Vol V)

4.3.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-korrispondenza li għaddejja dwar il-*clean-up* li qed tiġi organizzata fuq bażi nazzjonali fit-22 ta' April 2018. Huwa qal li l-post indikat għal din l-inizjattiva hija t-triq li twassal mill-Palazz ta' Selmun sal-Fortizza ta' Campbell.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li l-għaqdiet volontarji fil-lokalità għandhom jintalbu jieħdu sehem billi jibgħatu żewġ rappreżentanti kull wieħed.

### 4.4.1. Finanzjament taħt il-Mizura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/27)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 15 ta' Marzu 2018, mibgħuta mill-*Project Selection Appeals Board* fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, rigward applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill taħt il-miżura msemmija li tinvolvi r-*resurfacing* ta' Triq l-Armier iż-Żgħir. Għarraf li fit-22 ta' Marzu 2018, huwa u s-Segretarju Eżekutttiv, dehru quddiem l-istess bord biex jirribattu d-deċiżjoni meħuda. Jidher li t-talba ġiet rifjutata minħabba n-numru ta' bdiewa reġistrati u rrispettivament mill-medda ta' raba li jinħadem f'dik iż-żona. Id-deċiżjoni tal-bord tal-appell ġiet ikkonfermata b'ittra datata 23 ta' Marzu 2018.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.5.1. *European Neighbours' Day 2018* (M/12)

4.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 20 ta' Marzu 2018 mibgħut mill-European Federation of Local Solidarity / Neighbours's Day Coordination, li hija organizzazzjoni bbażata f'Parigi fi Franza. Hija spejat li din l-organizzazzjoni tikkordina inizjattivi li jħeġġu l-integrazzjoni soċjali fost gruppi etniċi diversi fil-lokalitajiet. Hija staqsiet dwar jekk il-Kunsill huwiex interessat li jkun membru f'din l-organizzazzjoni, fi dawl tal-fatt li fil-Mellieħa jabitaw nies ġejjin mid-diversi pajjiżi madwar id-dinja. Il-ħlas tas-sħubija huwa €300 fis-sena.

4.5.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

5.1. Ma saru ebda mistoqsijiet minn naħa tal-Kunsillieri.

## 6.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

6.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Marzu 2018.

6.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

6.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*Petty Cash* bejn l-1 ta' Frar u l-5 ta' Marzu 2018.

6.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-4 u t-23 ta' Marzu 2018.

6.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 7.1. PA 4811/15 – Żvilupp fi Triq Lewis Wettinger (P/5/1/Vol IV)

7.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja ġiet eżawrita fil-seduta msejħa b'urġenza Nru. 92 li ntemmet ftit minuti qabel. Madankollu kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jkun fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 8.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill (A/5/3/Vol XIII)

8.2. Is-Sindku għarraf li fit-12 u 13 ta' Marzu 2018 saru laqgħat mal-għaqdiet in ġenerali u mal-għall-għaqdiet mużikali, rispettivament. Fl-istess laqgħat ġew spjegati l-intenzjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li dawn ġew mitluba sabiex jiġu lura bl-idejat tagħhom bil-għan li jiġi stabbilit kif jistgħu jkunu parti mill-attivitajiet li ser jiġu organizzati. L-istess għaqdiet ingħataw sat-30 ta' April 2018 sabiex jiġu bil-proposti tagħhom.

8.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fl-14 ta' Marzu 2018 saret laqgħa mal-kompożitur Philip Vella u s-Sur David Muscat dwar il-lirika tal-*musical* ippjanat.

8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 9.1. Kors tal-kompjuter EM Citizen (E/3/1/9/Vol IV)

9.2. Il-Viċi Sindku D. Vella għarraf li fis-16 ta' Marzu 2018 beda l-kors imsemmi, li jinvolvi għarfien tal-internet, l-imejl u l-medja soċjali. Il-kors ser jingħata fis-Sala tal-Kunsill u qed ikun hemm sessjoni darba fil-ġimgħa u jintemm fit-13 ta' April 2018.

9.3. Il-Kunsill innota din l-inizjattiva.

## 10.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol VII)

10.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li l-ħarġa li jmiss ser tkun fid-19 ta' April 2018 għall-Bird Park fis-Salina, San Pawl il-Baħar. Din l-attività tinkludi waqfa għall-ikel.

10.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 11.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)

11.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li t-tieni *round* tal-kompetizzjoni msemmija wasal biex jintemm u l-finali ndividwali ser issir fis-6 ta' April 2018 fis-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. Faċilità ta' *Wi-Fi* pubbliku** **(I/1/3/Vol V)**

12.2. Il-Kunsillieri J. Gauci ppropona li jkun hemm servizz tal-*wi-fi* pubbliku fiż-żona tad-Dar tal-Anzjani.

12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir kuntatt ma' Ozone Ltd li għandhom li magħhom hemm ftehim biex jipprovdi numru ta' *wi-fi hotspots* f'diversi postijiet fil-lokalità.

**13.1. Jum il-Ktieb** **(A/5/3/Vol XII)**

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li l-avveniment imsemmi ser jiġi mfakkar mill-Kunsill fil-25 ta' April 2018 b'attività li qed tissejjaħ "Aqra Miegħi" fil-librerija pubblika tal-Mellieħa, bejn it-9.30am u nofsinhar u ser jikkonsisti f'rakkont ta' stejjer bil-għan li t-tfal jitħajjru jaqraw. It-tfal li ser ikunu nvoluti huma dawk ta' Kinder 2. Hija pproponiet li t-tfal li jieħdu sehem jingħataw ktieb.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**14.1. *European Destination of Excellence Awards* 2017** **(T/12/2/Vol II)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għaż-żjara li hija għamlet fi Brussel wara stedina li saret mill-EDEN Network għaċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-premjijiet imsemmija fit-22 ta' Marzu 2018 u għall-konferenza annwali li seħħet l-għada. Hija qalet ukoll li tqassmu fuljetti ta' promozzjoni dwar il-lokalitajiet finalisti Maltin. Waqt dan l-avveniment ġie żvelat ukoll li fis-sit elettroniku tal-EDEN Network ittellgħa tagħrif dwar il-Mellieħa, filwaqt li ġie osservat li n-numru ta' *hits* żdied b'20%.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' April 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**